MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 123/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Habib Mohammed Shedi Hamdi, ta' 24 sena, iben Habib u Fatima xebba El Garsi, imwieled il-Palestina u/jew Tunezija fil-11 t'April, 1986 u/jew l-4 ta' Novembru, 1986, residenti gewwa Hal Far Open Centre, Limiti taz-Zurrieq, Hal-Far u detentur tal-karta tal-Identita numru 61180(A).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar it-3 ta' Jannar 2011, ghall-habta tat-tmienja ta'

filghaxija (20:00hrs) minn gewwa 118, Flat 1, Triq Nazju Ellul, Gzira:

1. Ikkommetta serq ta’ kompjuter liema serq sehh ghad-detriment ta’ Bindra Mohit ta’ nazzjonalita Indjana u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgah u tletin centezmu (€2,329.37, bil-lok u bil-hin.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq kompjuter, ghad-dannu ta’ Bindra Mohit u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disghin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. Akkuzat aktar talli, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifsu;

Akkuzat aktra illi fl-istess data, ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghaxija (22:30hrs) kemm gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Furjana kif ukoll gewwa l-Isptar Mater Dei,

4. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe` fuq il-persuni ta; PS928 Ramon Mifsud Grech, PS396 Saviour Baldacchino u lil PC834 Johann Vella;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni ta; PS928 Ramon Mifsud Grech, PS396 Saviour Baldacchino u lil PC834 Johann Vella;

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecent, jew ghamel atti jew gesti oxxeni,jew b'xi mod iehor offenda l-moral, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

7. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizja moghtija lilu minn PS928 Ramon Mifsud Grech, PS396 Saviour Baldacchino u lil PC834 Johann Vella;

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Jannar 2011, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema:

9. Bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna u cioe` lil fuq il-persuni ta; PS928 Ramon Mifsud Grech, PS396 Saviour Baldacchino u lil PC834 Johann Vella, akkuza lil dawn il-

persuni quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocent;

10. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar;

11. U finalmenttalli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. diversament preseduta u datata 3 ta' Novembru, 2009.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-10 ta' Lulju, 2012;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ilu ghal zmien twil taht arrest preventiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281, 325(1)(b), 95(1), 96, 338(bb), 338(dd), 338(ff), 101(1), 110(2), 49, 50, 28A sa 28H, 17, 23, 31 u 533 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn u nofs prigunerija.

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u disghin euro u tlieta w erbghin centezmu (€493.43) bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------